Dan il-ktieb ma ktibtux b'vendikazzjoni ma' ħadd,
u għalkemm ir-rabja kienet kbira u għadha
f'ċerti mumenti, l-iskop ewlieni tiegħu
huwa biex tibda konverżazzjoni serja dwar suġġetti
tabù u li din twassal għal bidla soċjali radikali
f'Malta u f'Għawdex.

Kollox huwa konness.

Għal kull min

ħabbni
iħobbni
jew
se jħobbni

kif jien.



Bla kapitli bħall-ħajja,
li tiftaħ u tagħlaq
bla tqassim partikolari.

Xħin tidħol fil-karozza tiegħi,
fuq in-naħa ta' fuq tal-bieba tal-passiġġier
hemm ħarqa ta' sigarett li tfakkarni kemm
l-imħabba tista' taħraq lil min ma jkunx lest
għaliha.

**Inħraqt kemm-il darba.**

Meta tarani nidħaq
iċċekkja għad-dmugħ
fi xfar għajnejja.

**Jien naf naħbi sew.**

Is-sbuħija
ta’
kull
inżul
ix-xemx

hija li huma kollha l-istess
imma kollha differenti fl-istess ħin.

**Qishom aħna.**

